CCT/167/20/S

Anthony Calleja

vs

Malta Scooter Rentals Limited

Illum 3 ta' Jannar, 2024

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Anthony Calleja ppreżentata fit-13 ta' Novembru, 2020, u r-risposta tas-soċjeta' Malta Scooter Rentals Limited ppreżentata fit-18 ta' Diċembru, 2020 kif ukoll l-avviż ta' Kontro Talba ppreżentata mill-istess soċjeta' Malta Scooter Rentals Limited fit-18 ta' Diċembru, 2020 u r-risposta għal Kontro Talba ppreżentata minn Anthony Calleja fit-18 ta' Jannar, 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, u sema' x-xhieda tar-rikorrenti u tax-xhud imressaq minnu;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda electric scooter illi wara ftit żmien beda jagħti problemi lir-rikorrenti. Jinghad ukoll li r-rikorrent allega li ma setax jieħu rifużjoni ta' parti mill-prezz illi skont l-istess rikorrenti, kien imwiegħed jagħmel dan mis-soċjeta' intimata meta kien xtara l-istess scooter;

Illi jingħad mal-ewwel illi ħadd mis-soċjeta' intimata ma deher għas-seduti li saru, għalkemm l-istess soċjeta' intimata wieġbet għat-talba tar-rikorrenti u anzi għamlet kontro talba wkoll;

Illi min-naħa l-oħra, t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u ċioé dik tar-rikorrenti li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mis- soċjeta' intimata għajr għar-risposta fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-soċjeta' intimata, ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal għat-talba mitluba u ppreżenta d-dokumentazzjoni relattiva u anke xehed quddiem dan it-Tribunal;

Illi min-naħa l-oħra ħadd mis-soċjeta' intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba kif ukoll fuq il-kontro talba ppreżentata mill-istess soċjeta' intimata u lanqas biex tagħti l-verżjoni tagħha;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Anthony Calleja u jordna lis-soċjeta' Malta Scooter Rentals Limited tħallas lill-istess Anthony Calleja s-somma ta' €1,594.30 kif konfermata mid-dokumentazzjoni ppreżentata, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet u l-kontro talba ppreżentata mis-soċjeta' ntimata. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjeta' Malta Scooter Rentals Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru